# MALTA MISSJUNARJA – Is-7 PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Malta Missjunarja (1942-1946): (Din il-lista tkompli ma' dik li dehret fl-aħħar ħarġa) Aktar xogħlijiet ta' Dun Anton Xiberras (DAX), dejjem taħt l-istess psewdonimu 'Sciant', dehru matul l-1944: 'Għanja tan-Nieqa' (Sena XII, Marzu-April 1944, nri 3-4, p.15), poeżija bi tliet strofi ottonarji u 'Għerf Fieragħ' (Sena XII, Mej.-Ġun. 1944, nri 5-6, pp.19 u 23), novella ddedikata lill-E.T. Rev. Mons. Arċisqof M. Gonzi; 'Sagrileġġ ta' Mħabba!' (Sena XII, Sett. 1944, nru 9, p.35), rakkont dwar ix-xwejjaħ Leħjabajda; 'Ħlas' (Sena XII, Sett. 1944, nru 9, p.38), bi tliet strofi u rima abċb; 'Tfal tal-Milied' (Sena XII, Diċ. 1944, nru 12, p.59), novella datata 1.12.44. Is-sena ta' wara wkoll dehru għadd ġmielu ta' novelli u kitbiet tiegħu: 'Lejliet l-Ewwel Quddiesa' (Sena XIII, Mar. 1945, nru 3, pp.25 u 27); 'Ir-Rebħa tas-Salib' (Sena XIII, Apr. 1945, nru 4, p.41), datata 22.1.45; 'Warda ta' Mejju' (Sena XIII, Mej. 1945, nru 5, p.56); 'Marda Qasira' (Sena XIII, Ġun. 1945, nru 6, p.73); 'Is-Suldat Ġakbu' (Sena XIII, Aww. 1945, nru 8, p.102); tliet kitbiet: 'Biex Kristu Jsaltan' (p.136) u 'Il-Qalbieni' (p.139) [Sena XIII, Ott. 1945, nru 10] u 'Lil Hinn mill-Ħajja' (Sena XIII, Nov. 1945, nru 11, pp.149-150); 'Milied u Maħfra' (Sena XIII, Diċ. 1945, nru. 12, p.166), datata 9.10.45.

**Ix-Xirka tal-Malti għat-Tfal fin-Naxxar:** F'din is-sena



Dun Anton Xiberras f'waħda mill-ħarġiet mal-imseħbin tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal (Fergħa Naxxar).

wkoll, dehru żewġ poeżiji ta' Ġużi Muscat li kien wieħed mill-imxerkin f'din l-Għaqda: 'L-Ave Marija!' (Sena VIII, Jan, 1945, nru 1, p.4), b'ħames strofi settenarji u rima abċb; 'Marija' (Sena XIII, Ott. 1945, nru 10, p.136), b'sitt strofi settenarji u rima abċb. Dan il-kittieb Naxxari mhux l-ewwel darba li kiteb fil-MM, kif ukoll fil-'Young Malta', 'Il-Berqa' u 'Iż-Żerniq'. Fid-'Djarju tal-Gwerra' (Sena XI, 29 ta' Jannar, 1947, p.4) DAX kien kiteb li "dan iż-żagħżugħ għandu poeżiji li juruk li għad jirnexxi bħala poeta tajjeb." Din ix-Xirka twaqqfet fl-1943 bis-saħħa ta' Carmelo Caruana (1914-85), edukatur u ġurnalist, bil-għan li xxerred l-imħabba lejn ilsien pajjiżna fost it-tfal u ż-żgħażagħ ta' żmien u wara l-gwerra. L-għaqda nbdiet f'Għawdex minn Kelinu Vella Haber (1913-2014) peress li kien Naduri, biex imbagħad żviluppat f'Moviment tal-Malti; waqqaf ukoll tal-Fergħa tat-Tfajliet fi ħdan l-istess moviment li baqa' attiv sal-bidu tas-70ijiet. Kien hu wkoll li fl-1943 ddrammatizza n-novella l-'Għenieqa ta' Wiżu' ta' Temi Zammit bħala l-ewwel radjudramm bil-Malti li qatt ixxandar fuq ir-Rediffusion. Ix-Xirka dlonk sabet għeruqha u xterdet ma' kull rokna Maltija; ħafna kienu dawk li trawmu fiha u ħarġu kittieba jew mużiċisti tajbin. Fil-laqgħat, minbarra it-tagħlim rudimentali tal-grammatika, kienu jinqraw xogħlijiet ta' kittieba magħrufin tal-Malti u oħrajn mill-pinna tal-istess imseħbin fejn imbagħad kienet issirilhom kritika kostruttiva. Attivitajiet oħrajn kienu jinkludu ħruġ kulturali u tnedija ta' ktieb kompetittiv bi premjijiet u għoti ta' diplomi. Fost l-ewwel fergħat imwaqqfa nsibu dik tal-Ħamrun mill-Baruni Kelinu Vella Haber, dik tal-Gżira mill-Brothers Amedy Charles Caruana u l-grammatiku Henry Grech (1919-1981) fil-kulleġġ ta' Stella Maris, u dik tan-Naxxar minn Dun Anton Xiberras [DAX] (1922-2006), b'din tal-aħħar tiġi inawgurata fl-24 ta' Settembru 1943. Xogħlijiet oħrajn li dehru matul l-1942 huma tliet poeżiji ta' Robert Mifsud Bonnici: 'Prudentia' (1942, p.34), b'10 strofi u


Brother Amedy Charles Caruana.


Il-Baruni Kelinu Vella Haber li waqqaf ix-Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti fin-Nadur.


Robert Mifsud Bonnici proġatur u konferenzier b'xejra soċjali.

rima abċb, datata 27.2.18; 'Ir-Rażna' (1942, p.41) b'10 strofi ottonarji ta' sitt versi kull waħda u rima abċbdd, datata 7.2.1942, akkumpanjata b'argument kif ġej: Il-kittieb, sa minn ċkunitu fehem, li l-ħulqien (sic) hu għalina. Għadda ż-żmien, u bil-qari sar jaf li Alla ħalaq, kollox għal Volontà Tiegħu, kollox Għalih; u hekk nissel f'moħħu żewġ fehmiet: Alla kollox ħalaq għalina, u Għalih: tħawwad u talab 'il Alla biex kieku jfissirlu dawn iż-żewġ Veritajiet. / U Ruħ il-Qodos, fissirhomlu: Għax, għalkemm Alla ħalaq għalina kollox, b'danakollu jrid sukrifiċċju (sic) mill-bniedem u b'hekk isalva ruħu, wara din il-ħajja. Issa barra minn dan Alla, Tajjeb, Għani u Ħanin, ta' kull ċaħda jagħtina grazzja ġdida. Il-poeżija l-oħra hija 'l-Imgħallem' (1942, p.51), miktuba nhar Ħamis ix-Xirka tal-1942, bi tmien strofi ottonarji ta' sitt versi kull waħda u rima abċbdb. Aktar kitbiet ta' DAX komplew jidhru fl-għaddijiet tal-MM matul is-sena 1946: 'Vitamini Mhux Vjatku' (Sena XIV, Mar. 1946, nru 2, p.46), novella tradotta mill-'Catholic Digest' U.S.A.; 'Reġina Missionum', b'dejn lil P. A. Cuschieri O.C. (p.68), poeżija bi tmien strofi settenarji, datata 24.3.46 u 'Tħambiq Fieragħ' (p.71), novella datata 26.2.46 (Sena XIV, Mej. 1946, nru 5); 'Il-Knisja f'Wiċċ il-Ġejjieni', b'qima lil Dun Ġwann Sciberras, direttur tal-Perjodiku Missjunarju Nazzjonali (Sena XIV, Lul. 1946, nru 7, p.102); 'Kwiekeb tal-Milied', novella, (Sena XIV, Diċ. 1946, nru 12, p.189). ■


## Websajt Missio

- Informazzjoni dwar il-missjoni u l-missjunarji
- Proġetti li twettqu u qed jitwettqu
- Animazzjoni missjunarja
- Attivitajiet
- Rivisti tal-passat
- MissioTfal - stejjer, attivitajiet, kompetizzjonijiet, rivisti tal-passat




missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**
(VO/1178)
www.missio.org.mt